## The El Hiblu 3

In March 2019, Amara, Kader, and Abdalla – known as the El Hiblu 3 – first set foot in Malta. They were only 15, 16, and 19 years old. They could have never imagined that, five years on, they would still be stuck in this nightmare. Nine charges hang over them, preventing them from living dignified, free lives.

In the days before their arrival in Malta, the El Hiblu 3 helped to defuse a volatile situation at sea. Together with 100 other people, who escaped from violence in Libya, they were rescued by an oil tanker, the El Hiblu. When the captain attempted to return the rescued people to Libya, the people on board the El Hiblu 1 protested. Abdalla, Amara, and Kader acted as translators and mediators between scared migrants and a scared crew. Being the only ones who spoke enough English to converse with the captain.


© 2021 · Free the El Hiblu 3 Campaign / Jelka Kretzschmar

## The indictment

After 55 months of hearings, waiting, and evidence gathering, the Attorney General's office filed harsh charges against the three young men in November 2023. If the El Hiblu 3 are convicted, they face long prison sentences.

> "In defence of our lives, we resisted by protesting and I, along with two others, served as translators because we had some basic knowledge in English. We did not do this with any bad intentions and we have no plans to pose threats or danger to the people of Malta." – *Amara*

## The legal background

The international law of the sea says: "People rescued from distress at sea have to be taken to a place of safety". Under no circumstances can Libya be considered a safe port for migrants. Even the United Nations and the European Commission agree on that. In January 2017, an internal report of the German embassy in Niger described 'concentration-camp-like' conditions in Libya's detention prisons.

No one on the ship was harmed. Over 100 people were not returned to violence, slavery, rape in Libya. In Maltas territorial waters the ship was stormed by the Armed Forces who found no violence going on, but in fact a ladder hanging down the ship for them to onboard. Yet, upon arrival at Broilers Wharf in Senglea the El Hiblu 3 were arrested and accused of hijacking the ship, threatening its crew, and engaging in terrorist activities.

**JOIN THE FREE THE EL HIBLU 3 CAMPAIGN IN DEMANDING THAT MALTA DROP THE CHARGES NOW!**

- Contact your MP about the case
- Visit the public hearings
- Follow our social media @elhiblu3 and website https://elhiblu3.info
- Sign our petition:

**SUPPORT THE CAMPAIGN**

Key Word: „ ElHiblu3"
IBAN: CH62 0900 0000 1626 2806 6, PostFinance Bern, CH
Account owner: Support Captain Support





# THREE TEENAGERS

## in a legal limbo

Abdalla, Amara and Kader live in Malta. They work hard. After work they go home, pray, cook, rest and go to work again.

Once a month this pattern is disrupted – when they are called in to attend court. When they take holidays from work, they stay at home as their bail conditions don't allow them to visit the seaside in Malta. It became somehow a normality in their young lives to be stuck in a legal limbo.

Now, they might face lifetime in prison!

mail@elhiblu3.info | www.elhiblu3.info | social media: @elhiblu3

## L-El Hiblu 3

F'Marzu tal-2019, Abdalla, Amara u Kader – magħrufin bħala l-El Hiblu 3 – rifsu għall-ewwel darba fuq Malta. Kellhom biss, 15, 16 u 19-il sena rispettivament. Qatt ma setgħu jobsru, li ħames snin wara, se jkunu għadhom jgħixu ħmar il-lejl. Fuq rashom hemm imdendla disa' akkużi li jwaqqfuhom milli jgħixu ħajja dinjituża u ħielsa.

Fil-jiem qabel waslu Malta, l-El Hiblu 3 għenu biex jikkalmaw sitwazzjoni volatili fuq il-baħar. Kienu ġew salvati minn tanker taż-żejt, l-El Hiblu, flimkien ma' 100 oħra li ħarbu mill-vjolenza fil-Libja, fosthom 19-il mara u 12-il tifel u tifla. Meta l-kaptan ipprova jibgħathom lura lejn il-Libja, dawn ipprotestaw. Abdalla, Amara, u Kader għamluha ta' tradutturi u medjaturi bejn il-migranti u l-ekwipaġġ. It-tnejn li huma kienu mbeżżgħa. L-El Hiblu 3 kienu l-uniċi li kienu jitkellmu biżżejjed Ingliż biex setgħu jitkellmu mal-kaptan.



© 2020 · Amnesty International / Joanna Demarco

## L-akkuża

Wara erba' snin u nofs ta' seduti kull xahar, stennija, u ġbir ta' evidenza, f'Novembru tal-2023, l-Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali ressaq akkużi ħorox kontra dawn it-tliet żgħażagħ. Jekk l-El Hiblu 3 jinstabu ħatja, jaffaċċjaw sentenzi twal ta' priġunerija.

> "Biex nissalvagwardjaw ħajjitna, irreżistejna billi pprotestajna u jien, flimkien ma' tnejn oħra, għamilnieha ta' tradutturi, għax konna nafu ftit Ingliż bażiku. Ma għamilniex dan b'intenzjonijiet ħżiena u ma għandna ebda pjan li nkunu ta' theddida jew periklu għall-poplu Malti." – *Amara*

## Il-qafas legali

Il-liġi internazzjonali tal-baħar tgħid, "Persuni savlati minn distress fuq il-baħar għandhom jittieħdu f'post sigur." Il-Libja, taħt ebda ċirkustanza ma tista' titqies bħala port sigur għall-migranti. Il-Ġnus Magħquda u l-Kummissjoni Ewropea wkoll jaqblu fuq din. F'Jannar tal-2017, rapport intern tal-Ambaxxata Ġermaniża fin-Niger iddeskriva l-kundizzjonijiet fiċ-ċentri ta' detenzjoni tal-Libja bħala simili għal "kampjiet tal-konċentrament."

Ebda persuna li kienet fuq il-vapur ma ndarbet. Aktar minn 100 persuna ma ntbagħtux lura lejn vjolenza, skjavitù, u stupru fil-Libja. Fl-ibħra territorjali ta' Malta, il-vapur inqabad mill-Forzi Armati li ma sabu ebda vjolenza għaddejja fuq il-vapur, anzi sellum imdendel biex permezz tiegħu jitilgħu fuq il-vapur. Madankollu, meta l-El Hiblu 3 waslu l-Isla fi Broilers Wharf, ġew arrestati u akkużati li ħatfu l-vapur, heddew lill-ekwipaġġ u li kienu involuti f'attivitajiet terroristiċi.

**INGĦAQAD MAL-KAMPANJA EĦILSU L-EL HIBLU 3 BILLI TITLOB LI MALTA TIRTIRA L-AKKUŻI ISSA!**

- Ikkuntattja l-MP tiegħek dwar il-każ
- Attendi għas-smigħ pubbliku
- Segwi l-midja soċjali tagħna fuq @elhiblu3 u fuq is-sit https://elhiblu3.info
- Iffirma l-petizzjoni tagħna:

**SUPPORT THE CAMPAIGN**

Key Word: „ ElHiblu3"
IBAN: CH62 0900 0000 1626 2806 6, PostFinance Bern, CH
Account owner: Support Captain Support

EL HIBLU 3: ĦAMES SNIN



# TLIET ŻGĦAŻAGĦ f'limbu legali

Abdalla, Amara u Kader jgħixu Malta. Jaħdmu ħafna u meta jtemmu l-ġurnata tax-xogħol imorru d-dar, jitolbu, isajru u jistrieħu. L-għada, jerġgħu lura għax-xogħol.

Darba fix-xahar dir-rutina titħarbtilhom – għax jiġu msejħa mill-Qorti. Meta jieħdu xi ġurnata vaganza mix-xogħol, ta' spiss joqogħdu d-dar għax il-kundizzjonijiet tal-libertà proviżorja tagħhom timpedihom milli jersqu lejn il-baħar. Ħajjithom f'dan il-limbu legali spiċċat ġiet normalizzata.

Issa jistgħu jispiċċaw il-ħabs għal għomorhom!

mail@elhiblu3.info | www.elhiblu3.info | social media: @elhiblu3